MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1216/2002

**Standard Publications Limited**
vs
**Twenty Twenty Projects Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-30 ta’ Ottubru, 2002 li s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ disghat elef, seba’ mija u sebgha u sittin Lira Maltin u disgha u disghin centezmu (LM9,767.99), rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut ghal servizzi ta’ reklamar, *pre-press, printing*, u *insertion* ta’ pubblikazzjonijiet fil-gazzetti *The Malta Independent* u *The Malta Independent on Sunday* moghtija lis-socjeta’ konvenuta fuq ordni tas-socjeta’ konvenuta stess, u dana fl-2001 u fl-2002, u mhux imhallsa kif jidher mill-hawnhekk

anness *Statement of Outstanding Invoices*, liema *Statement of Outstanding Invoices* huwa immarkat bhala “Dok A”;

Ippremettiet illi, ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, anki permezz ta’ ittra ufficjali datata l-15 ta’ Lulju, 2002, is-socjeta’ konvenuta xorta baqghet inadempjenti;

Ippremettiet illi l-ammont fuq imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta’attrici, is-socjeta’ konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjoni valida x’topponi kontra it-talbiet attrici;

Talbet ghalhekk is-socjeta’ attrici ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:
1. tiddeciedi il-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* ta’ l-artikoli 167 et seq tal-Kap XII tal-Ligijiet ta’ Malta, u

2. tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disghat elef, seba’ mija u sebgha u sittin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (LM 9767.99) rapprezenanti bilanc ta’ prezz dovut ghal servizzi ta’ reklamar, *pre-press, printing*, u *insertion* ta’ pubblikazzjonijiet fil-gazzetti *The Malta Independent* u *The Malta Independent on Sunday* moghtija lis-socjeta’ konvenuta fuq ordni tas-socjeta’ konvenuta stess, u dana fl-2001 u fl-2002, u mhux imhallsa kif jidher mill-*iStatment of Outstanding Invoices* hawnhekk anness u mmarkat bhala “Dok A’;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata l-15 ta’ Lulju, 2002 u dawk tal-mandat ta’ qbid u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentati kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta’ l-ittra ufficjali, sal-gurnata ta’ l-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta li tibqa’ minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat li s-socjeta’ konvenuta ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------